VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,323, 10 ta' Ottubru, 2014
Taqsima B

A.L. 380 tal-2014

ATT DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR TAL-IŻVILUPP (KAP. 504)

Regolamenti tal-2014 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (Dikjarazzjoni dwar Deroga għall-Kontroll tal-i*Sturnus vulgaris* u l-*Columba livia*)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 61 tal-Att dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp, u bir-regolament 10(6) tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi u bir-regolamenti 3 u 4 tar-regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (Qafas biex tiġi Permessa Deroga għall-Kontroll tal-Għasafar fl-Interess tas-Sigurtà tal-Ajru), il-Ministru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u Tibdil fil-Klima għamel ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2014 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (Dikjarazzjoni dwar Deroga għall-Kontroll tal-i*Sturnus vulgaris* u l-*Columba livia*).

Tifsir.

L.S. 504.71

2. Kliem u frażijiet użati f'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra, għandu jkollhom l-istess tifsir bħal dak mogħti fir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħin "ir-Regolamenti dwar l-Għasafar Selvaġġi".

Restrizzjonijiet ta' kontroll.

3. Din id-deroga tapplika biss għall-kontroll tal-i*Sturnus vulgaris* u l-*Columba livia*).

Stabbiliment tal-perjodu għall-kontroll.

4. Għall-finijiet tat-tieni proviso tar-regolament 10(6) tar-Regolamenti dwar l-Għasafar Selvaġġi u għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti, il-perjodu għall-kontroll tal-i*Sturnus vulgaris* u l-*Columba livia*) għandu jkun mill-1 ta' Settembru 2014 sal-31 ta' Marzu 2015, iż-żewġ dati inklużi.

Kontroll skont qafas speċifikat.

L.S. 504.119

5. Għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti, il-kontroll tal-i*Sturnus vulgaris* u l-*Columba livia*) għandu jkun skont id-dispożizzjonijiet tal-qafas stabbilit bir-Regolamenti dwar l-Għasafar Selvaġġi (Qafas biex tiġi Permessa Deroga għall-Kontroll tal-Għasafar fl-Interess tas-Sigurtà tal-Ajru).